

Brussell, 31 ta' Mejju 2017
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2016/0190 (CNS)

9317/17
COR 1

JUSTCIV 113

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.:	WK 5263/17
Nru dok. Cion:	10767/16
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar il-ġurisdizzjoni, ir-rikonossiment u l-infurzar ta' deċiżjonijiet fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri u dwar sekwestru internazzjonali ta' minuri (riformulazzjoni) - Dibattitu ta' orjentazzjoni

Fid-dokument 9317/17 INIT fuq paġna 3, il-paragrafu 9 għandu jaqra:

9. Id-dritt tal-minuri li jingħataw l-opportunità li jinstemgħu huwa protett mill-Artikolu 24(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea kif ukoll mill-Artikolu 12 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal ('UNCRC'). Dan huwa wkoll meqjus bħala parti integrali mill-għoti lill-minuri ta' proċess ġust skont l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u mill-għoti tad-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u familjari skont l-Artikolu 8 tal-istess Konvenzjoni. Fl-2005, ir-Regolament Brussell IIa għolla l-istandards għall-proċedimenti fi ħdan l-UE tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980. Skont il-Konvenzjoni tal-Aja, ma hemm l-ebda rekwiżit espliċitu li l-minuri jinstemgħu, iżda **t-tieni paragrafu tal-Artikolu 13** ta' din il-Konvenzjoni jipprovdi għall-possibbiltà li ordni ta' ritorn tal-minuri jista' jiġi rrifjutat jekk il-minuri joġġezzjona għar-ritorn tiegħu u dan il-minuri jkun laħaq età u livell ta' maturità fejn ikun xieraq li wieħed jagħti kas tal-fehmiet tiegħu.

L-Artikolu 11(2) tar-Regolament Brussell IIa, għalhekk, jipprovdi li minuri għandu jingħata l-opportunità li jinstema' fi proċedimenti ta' ritorn skont il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 wara sekwestru internazzjonali ta' minuri bejn żewġ Stati Membri. Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, la l-Artikolu 24 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u lanqas l-Artikolu 42(2)(a) tar-Regolament Brussell IIa ma jirreferu għas-smiġh tal-minuri *per se*, iżda t-tnejn jirreferu għall-opportunità li l-minuri jinstemgħu. Il-Qorti ddikjarat ukoll li l-minuri jistgħu ma jinstemgħux jekk is-smiġh ma jkunx fl-aħjar interessi tagħhom jew fejn ma jkunx meħtieġ. Minuri jista' wkoll ma jinstemax jekk ikun jidher li dan ma jkunx xieraq minħabba l-età jew il-maturità tal-minuri.
